# MRO. HECTOR DALLI L.MUS.L.C.M.



## – C.J. DEBONO –

Kien tassew ħsieb ta' min jinkoraġġih dak tal-Kumitat Żgħażagħ Belandisti li jippublikaw cassette b'uħud mill-isbaħ marċi li kkompona s-Surmast Hector Dalli matul il-25 sena li dam surmast direttur tal-Banda Beland. Jiena ċert li din l-inizjattiva ser issib l-approvazzjoni mhux biss tal-membri tal-Għaqda Mużikali Beland imma tad-dilettanti kollha tal-marċi Maltin.

Is-Surmast Dalli m'għandu bżonn ta' l-ebda introduzzjoni mad-dilettanti tal-baned Maltin. Il-marċi tiegħu indaqqu u għadhom jindaqqu minn bosta baned filwaqt li l-kompożizzjonjiet mużikali tiegħu jinsabu l-aktar fl-arkivju tas-Soċjetà tagħna.

Is-Surmast Dalli beda l-karriera mużikali tiegħu fi ħdan il-banda Beland meta ta' għaxar snin ħareġ idoqq il-flicorno. Wara ftit beda jistudja wkoll il-pjanu u dan tah iċ-ċans li juri minn kmieni l-kapaċità tiegħu għaliex ta' 14-il sena nsibuh idoqq il-pjanu ġewwa ż-Żejtun waqt is-'silent movie'. Aktar tard insibuh għand Mro. J. Casapinta biex ikompli l-istudju tiegħu fil-qasam mużikali. Fl-1935 kien ħa l-Associate (A.Mus.LCM) filwaqt li nsibuh jidderieġi ż-Żejtun Band u għal xi snin ukoll lill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. F'xi okkażjonijiet kien idderieġa wkoll lill-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun u lill-Banda Leone t'Għawdex. Fl-1952 laħaq direttur tal-banda Duke of Edimburgh, illum il-banda San Lawrenz tal-Birgu biex imbagħad fl-1955 aċċetta bil-ferħ l-istedina li għamillu l-kumitat tal-Banda Beland sabiex jieħu f'idejh it-tmexxija tal-banda ta' tfulitu. L-ewwel marċ li kien kiteb kien jismu 'Sweet Dreams' u kif stqarr miegħi huwa stess 'verament li ħassejtni qed noħlom jiena u nikteb dan il-marċ'. Matul il-25 sena li dam surmast tal-banda Beland huwa kiteb għadd kbir ta' marċi li kollha jixhdu l-kapaċità tiegħu li joħloq melodiji mill-aktar tal-widna u ferrieħa għal matul il-ġranet tal-festa. Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien jitgħaxxaq biż-żgħażagħ jarahom jifirħu bil-marċi tiegħu u minn naħa tiegħu hu kien jippika miegħu nnifsu sabiex ta' kull sena jikkomponi marċ isbaħ mill-ieħor u b'hekk ikun issodisfa x-xewqa tal-ħbieb numerużi tiegħu. Il-melodija fil-marċi tiegħu kienet toħroġ naturali u spontanja. Impossibli li nsemmu l-marċi tiegħu imma min bħali għex tul dawn l-aħħar snin qrib tiegħu ma jistax ma jsemmix marċi sbieħ bħal 'Victorious', Gregorio Bonnici, Hecdal, Lill-Bandiera l-Ġdida, 25th. Nov. 1955, Lolita, Mary Joe, Lil Ħbieb u fuq kollox u kulħadd 'Lorenza'. Liema Żejtuni ma jħossx ferħ ġo fih kif jisma' l-Innu marċ 'Santa Katarina' u liema hu dak il-Belandist li ma jħossx demmu jbaqbaq ma' l-ewwel battuti ta' l-Innu Beland. Dawn iż-żewġ xogħlijiet kitibhom kemm bħala Żejtuni kif ukoll bħala Belandist.

Xi ngħidu mbagħad għall-kompożizzjonijiet l-oħra tiegħu. Niftakar sewwa meta fil-bidu tas-snin '70 il-banda tagħna kellha bosta bandisti żgħar u hu kien diġà beda jhewden kif se jirnexxilu jieħu l-aħjar minn għandhom, kien qalli hekk: "Issa l-ewwel inkissirhom fuq il-marċi u nħallihom jieħdu pjaċir u wara nibdew induqu s-serjetà." U hekk għamel. Meta deherlu li kienu draw sewwa u ħadu l-kunfidenza meħtieġa tahom l-ewwel test bis-selection mit-'Turandot'. Ħafna għadhom jiftakru l-entużjażmu li kien hemm ħdejn il-planċier kif intemmet din is-selection. L-abiltà tiegħu bħala kunċertista kienet garanzija ta' suċċess u dan jixhduh il-mużika kbira li daħħal fil-programmi tal-banda. Però l-akbar żewġ programmi li żgur jibqgħu jissemmew huma dawk li dderieġa fil-festi Ċentinarji fl-1961 u dan l-aħħar f'Mejju tal-1978 fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-planċier fejn indaqqu l-Capriccio Italien, il-Hungarian Rhapsody No. 2, il-Boris Godunov, il-ballet mill-Faust u l-Overture li kiteb huwa stess għall-

okkażjoni 'Inaugural'.

L-aħħar snin ta' ħajtu għaddiehom fil-kompożizzjoni. Nibdew mill-Preludio in Re Minore għall-banda, u l-Innu 'San Lawrenz' għall-banda tal-Birgu. L-aktar xogħol għal qalbu kien il-poema sinfonika 'Song of Anna' li ntogħġbot ħafna mill-pubbliku. Insibu wkoll l-Overture 'Inaugural' u l-aħħar biċċa xogħol li kiteb is-Suite f'4 movimenti li kellu ħsieb li jżanżanha għall-okkażjoni t'għeluq il-25 sena tiegħu bħala surmast tal-Beland. Imma d-destin ried li għalkemm laħaq temmha ma kellux ix-xorti li jidderiġieha huwa. Kien idderiġieha s-Surmast Carmelo Caruana inqas minn xahar wara mewtu. Din is-suite kkomponieha fl-aħħar xhur ta' ħajtu u sabiex jispiċċaha kien imur kontra l-pariri tat-tabib u tal-familjari tiegħu, iżda huwa bid-determinazzjoni karatteristika tiegħu għalkemm kien iħossu magħdur ħafna baqa' jistinka sabiex itemmha. Meta aħna konna qed nippreparaw sabiex niċċelebraw miegħu l-25 sena tiegħu bħala surmast il-Mulej ħadulna minn fostna u ħalla orfni mhux biss lilna l-Belandisti imma lill-baned Maltin. Wara l-funeral kbir li organizzatlu s-Soċjetà tagħna bil-parteċipazzjoni tal-Għaqdiet taż-Żejtun u ħafna każini tal-baned, membru tal-familja tiegħu stqarr li issa jaf għaliex is-Surmast kien jiddedika tant ħin lil din il-banda. J'Alla dan il-cassette iservi sabiex il-wirt mużikali tas-Surmast Hector Dalli jibqa' ħaj fina u fil-ġenerazzjoni ta' warajna u li jsib il-koperazzjoni u l-inkoraġġiment fost id-dilettanti tal-baned.

CASETTE TAL-**MARĊI BRIJUŻI**
TAS-SURMAST HECTOR H. DALLI
A.Mus. L.C.M.




CASETTE ta' 80 minuta ta' l-aqwa
**MARĊI BRIJUŻI** tas-Surmast
H.H. Dalli A.Mus. L.C.M.
Esegwiti mill-**BANDA BELAND,**
Żejtun, mis-Surmast Direttur
ORAZIO CACHIA A.Mus. L.C.M.
rekordjati minn J. Boffa Ltd.
**INNU MARĊ STA. KATARINA**
mill-Kor Parrokkjali, Żejtun
Direttur tal-Kor: J. Caruana
Versi: Nazz. Gauci

**Għall-itjeb ikel u xorb il-*BELAND BAR* huwa l-aħjar.**